

31994D0652

L 253/29

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

29.9.1994

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**ta' l-20 ta' Settembru 1994****li tistabilixxi l-inventarju u d-distribuzzjoni tal-kompiti li għandhom jittieħdu fi ħdan il-qafas tal-koperazzjoni mill-Istati Membri fl-analiżi xjentifika tal-materji li għandhom x'jaqsmu ma' l-ikel**

(94/652/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Artikolu 1

Wara li kkunsidrat d-Direttiva tal-Kunsill 93/5/KEE tal-25 ta' Frar 1993 dwar assistenza lill-Kummissjoni u koperazzjoni mill-Istati Membri fl-analiżi xjentifika ta' materji li għandhom x'jaqsmu ma' l-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

L-inventarju tal-kompiti li għandhom jittieħdu fi ħdan il-qafas tal-koperazzjoni mill-Istati Membri fl-analiżi xjentifika tal-materji li għandhom x'jaqsmu ma' l-ikel flimkien mad-distribuzzjoni ta' dawn il-kompiti bejn l-Istati Membri hu mqiegħed fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

Billi d-Direttiva 93/5/KEE tipprovdi għal assistenza lill-Kummissjoni u koperazzjoni mill-Istati Membri fl-analiżi xjentifika ta' materji li għandhom x'jaqsmu ma' l-ikel; filwaqt li d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/458/KE ⁽²⁾ stabbilixxiet regoli dwar l-amministrazzjoni ta' koperazzjoni fl-analiżi xjentifika ta' materji li għandhom x'jaqsmu ma' l-ikel;

Artikolu 2

Kull awtorità jew korp li ġie nominat mill-Istati Membri skond l-Artikolu 2 tad-Direttiva 93/5/KEE għandu mbagħad jinforma lill-Kummissjoni bl-ismijiet ta' l-istitut jew l-istituti li jwettqu l-kompiti msemmija fl-Anness li ġew distribwiti lilha. Għandha mbagħad tinforma lill-Kummissjoni bi kwalunkwe tibdiliet.

Filwaqt li l-Artikolu 3 tad-Direttiva 93/5/KEE jipprovdi għall-istabilizzazzjoni u l-aġġornar mill-inqas kull sitt xhur ta' l-inventarju tal-kompiti li għandhom jitwettqu fi ħdan il-qafas tal-koperazzjoni xjentifika u l-prijoritajiet assoċjati tagħhom, u għad-distribuzzjoni ta' dawn il-kompiti bejn l-Istati Membri;

Artikolu 3

Sa mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 1995, u kull sitt xhur wara, kull awtorità jew korp li ġie nominat mill-Istati Membri skond l-Artikolu 2 tad-Direttiva 93/5/KEE għandu jgħaddi lill-Kummissjoni rapport ta' progress dwar it-tlestija tal-kompiti li ġew distribwiti lilu.

Billi l-inventarju tal-kompiti għandu jiġi stabbilit u aġġornat skond il-bżonnijiet għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika fi ħdan il-Komunità u l-ħtiġijiet tal-leġislazzjoni Komunitarja fis-settur ta' l-affarijiet ta' l-ikel;

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Filwaqt li l-kompiti għandhom jiġu distribwiti b'qies lejn l-esperjenza xjentifika u r-riżorsi disponibbli fi ħdan l-Istati Membri u b'mod partikolari, fi ħdan l-istituti li jkun qad jippar-teċipaw fil-koperazzjoni xjentifika;

Magħmula fi Brussell, fl-20 ta' Settembru 1994.

Filwaqt li l-miżuri li jinsabu f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Ikel,

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Membre tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 52, ta' l-4.3.1993, pġ. 18.

⁽²⁾ ĠU L 189, tat-23.7.1994, pġ. 84.

ANNEX

Inventarju tal-kompiti li għandhom jitwettqu mill-Istati Membri fi ħdan il-qafas tal-koperazzjoni mill-Istati Membri fl-analiżi xjentifika tal-materji li għandhom x'jaqsmu ma' l-ikel

In-natura tas-suġġett u d-daqs tal-kompitu	L-Istati Membri li lilhom ġie ddistribwit il-kompitu	Il-limitu ta' żmien għat-tlestija
1. Sustanzi li jagħtu t-togħma		
1.1. Sustanzi li jagħtu t-togħma definiti b'mod kimiku Għall-preparazzjoni ta' rapporti għall-evalwazzjoni tas-sigurtà ta' sustanzi li jagħtu t-togħma definiti b'mod kimiku. Għat-twaqqif u l-manteniment ta' arkivju fiżiku u elettro-niku tad- <i>data</i> disponibbli tossikoloġika u ta' esposizzjoni għas-sustanzi konċernati.	Id-Danimarka (Il-Kordinatur) Il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Italja, l-Olanda, ir-Renju Unit	fit-30 ta' Ġunju 1997.
2. Il-Mikrobijoloġija		
2.1. Il-kriterji tal-Mikrobijoloġija Ġabra ta' informazzjoni xjentifika u metodoloġika bil-għan ta' l-istima ta' riskji mikrobijoloġiċi għal xi affarijiet ta' l-ikel.	Franza (L-Kordinatriċi) Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, l-Irlanda, l-Italja, l-Olanda, il-Portugall, ir-Renju Unit	fit-30 ta' Settembru 1995.
2.2. Studji li għandhom x' jaqsmu mal-kontroll tat-temperatura L-istudju ta' l-ategġament ta' mikro-organiżmi patoġeniċi matul iż-żmien u f'temperaturi varji għal varjetà ta' ikel li x'aktarx iħeġġeġ it-trobbija ta' dawn l-organiżmi	Ir-Renju Unit (Il-Koordinatur) Id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Irlanda, l-Olanda	fit-30 ta' Ġunju 1995.
3. Kontaminanti		
3.1. Mistoqsijiet ġenerali	L-Italja, ir-Renju Unit (Il-Kordinaturi globali)	fit-30 ta' Ġunju 1997.
3.1.1. Mistoqsijiet urġenti mhux fl-iskeda Għall-kordinazzjoni tal-ġabra ta' <i>data</i> fl-Istati Membri meħtieġa għall-istima tar-riskju mill-Kumitat Xjentifiku għall-Ikel b'risposta għall-mistoqsijiet urġenti li mhumix fl-iskeda li għandhom x'jaqsmu mal-kontaminazzjoni ta' l-ikel.	Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Irlanda, il-Lussemburgu, l-Olanda, il-Portugall	
3.2. Mistoqsijiet speċifiċi Għall-preparazzjoni ta' rapporti għall-evalwazzjoni tar-riskju SCF ta' kontaminanti speċifiċi b'referenza partikolari għall-espożizzjoni fid-dieta f'kull Stat Membru.		
3.2.1. Aflatossiċi	Ir-Renju Unit (Il-Kordinatur) Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, l-Olanda, il-Portugall	fil-31 ta' Diċembru 1995.
3.2.2. Ochratoxin A	Id-Danimarka (Il-Kordinatriċi) Il-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, l-Olanda, ir-Renju Unit	fil-31 ta' Diċembru 1995.
3.2.3. Nitrate	Spanja (Il-Kordinatriċi) Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, Franza, il-Irlanda, l-Italja, l-Olanda, il-Portugall, ir-Renju Unit	fil-31 ta' Lulju 1995.
3.2.4. Cadmium	L-Italja (Il-Kordinatriċi) Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Irlanda, l-Olanda, ir-Renju Unit	fil-31 ta' Lulju 1995.

In-natura tas-suġġett u d-daqs tal-kompitu	L-Istati Membri li lilhom ġie ddistribwit il-kompitu	Il-limitu ta' żmien għat-tlestija
4. Studju adatt 4.1 L-istudju u r-riċerka tal-konsum ta' l-ikel fl-UE It-titjib fl-għarfiem tal-konsum ta' l-ikel bil-fisieb li titjeb il-kollaborazzjoni bejn l-Istati membri u għaldaqstant jit jieb il-livell ta' l-għajxiem ta' l-Ewriepj.	L-Irlanda (Ko-ordinatriċi Il-Belġju, id-Danimarka, Spanja, Franza, l-Italja, l-Olanda, ir-Renju Unit	31 ta' Lulju 1996